## IR-RABA' ĦADD TAL-AVVENT
## "IMBIEREK IL-FROTT TAL-ĠUF TIEGĦEK"

***Daħla:*** Fl-aħħar Ħadd ta' preparazzjoni nsibu l-laqgħa straordinarja li kellhom żewġ nisa tqal (waħda żagħżugħa u l-oħra ikbar fl-età): Marija u Elizabetta. Illum ħa nisimgħu d-diskors kollu stagħġib u mimli fidi ta' Eliżabetta fuq Marija. Ejjew nistaqsu lilna nfusna: Kemm aħna sorpriżi minn Alla? Kemm inkunu attenti għall-messaġġi u n-nies li jibgħat f'ħajjitna l-Mulej biex iwasslilna l-ħniena kbira tiegħu? Nibdew diċ-ċelebrazzjoni billi nkantaw ...

***L-Ewwel Qari:*** Minn Betlehem, raħal veru ċkejken, kellu jitwieled il-Prinċep tas-sliem li jkun bħal ragħaj tajjeb għan-nies tiegħu.

***Responsorju tas-Salm:*** **Mulej, itfa' fuqna d-dija ta' wiċċek, u nkunu salvi.**

***It-Tieni Qari:*** Ġesù offra ġismu bħala sagrifiċċju li jieħu post is-sagrifiċċji kollha tal-Patt il-Qadim. Bis-saħħa ta' dan is-sagrifiċċju Alla ħabbibna miegħu.

***Offertorju:*** *(X'ħin ikunu se jitressqu l-offerti lejn l-artal, l-animatur igħid):*
Ejjew intellgħu l-offerti tagħna u ngħaqqduhom mas-sagrifiċċju ta' Ġesù. Inkantaw flimkien….

***Tqarbin:*** *(Waqt li s-saċerdot ikun jitqarben bid-Demm ta' Kristu, l-animatur igħid)*
Fis-Salm tlabna biex il-Mulej jerġa' jiġi. U hu ġie. Issa f'idejna biex nilqgħuh f'qalbna bit-Tqarbina. Inkantaw flimkien….

***Ringrazzjament:*** *(waqt li s-saċerdot ikun jippurifika l-Kalċi, l-animatur igħid)*
Bħal Marija, ejjew ngħidu grazzi kbira lill-Mulej talli għamel magħna ħwejjeġ kbar. Bi gratitudni kbira ngħidu (jew inkantaw) ...

***Kant tal-Għeluq…***